MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Numru. 483/2007

**ILLUM 9 TA' OTTUBRU 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**ADRIAN AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Adrian Agius ta' 25 sena, bin Mario u Nazzarena nee' Agius, mwieled nhar il- 15 ta' Awwissu 1981, u residenti

fil- fond Flat 4, Blokk 18, Bieb A, Triq il- Fresja, San Gwann, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 442881(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
F'dawn il- Gzejjer, nhar it- 3 ta' Gunju 2007, f'xi hin bejn is- siegha (1.00) u s- saghtejn u nofs (2.30) ta' filghodu, gewwa l- istabiliment 'Havana', sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan u/ jew fil- vicinanzi
1) Minghajr il- hsieb li joqtol jew iqieghed l- hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravissima fil- gisem ta' Charlton Micallef mill- Isla
2) Volontarjament kiser l- bon ordni jew il- kwiet pubbliku, bl- ghajjat u bil- glied

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Dan il-kaz jittratta incident li nqala' bejn zewg guvintur gewwa 'club' f'Paceville fid-data u l-hin indikati. Mill-provi prodotti rrizulta li l-persuna li sofriet il-griehi, certu Charlton Micallef, gab ruhu b'mod ghal kollox irresponsabbli u stieden ghall-glied lill-imputat, minghajr ebda raguni ta' xejn. Irrisulta ukoll li Micallef kien fi stat ta' intossikazzjoni qawwija, u dan xeheduh shabu stess, li taw spjegazzjoni dettaljata ta' kemm kienu lahqu ikkonsmaw spirti u alkohol sa dak il-hin. Micallef kien gewwa dan l-istabbiliment u beda jaghmel mossi strambi lejn l-imputat. L-unika raguni li seta' kien hemm ghal dan l-agir tieghu hi li dan Charlton lemah lil ex tfajla tieghu mal-imputat, u iddejjaq hafna b'din is-sitwazzjoni. Sa dak il-hin jirrisulta li kemm Micallef kif ukoll l-imputat qatt ma kienu jafu lil xulxin.

Irrisulta ukoll li l-incident bl-ebda mod ma gie pprovokat mill-imputat, anzi kien l-istess imputat li gie aggredit minn Micallef, l-ewwel verbalment u immedjatament wara anke fizikament. Gara, izda, li biex jiddefendi ruhu minn din l-aggressjoni insensata min-naha ta’ Micallef, l-imputat ta daqqiet ta’ ponn u laqat lil Micallef f’wiccu, bir-risultat li Micallef sofra ksur f’imniehru, fl-ghadma ta’ haddejh il-leminija, u fix-xedaq ta’ halqu, liema feriti gew klassifikati bhala gravi ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kap 9. Micallef ghamel zmien rikoverat l-Isptar, u l-Qorti m’ghandha ebda dubju li l-griehi huma gravi skond l-Artikolu hawn fuq precitat.

Il-Qorti tista’ tifhem lill-imputat li sab ruhu f’sitwazzjoni fejn, minghajr ebda provokazzjoni ta’ xejn, hu gie aggredit minhabba l-ghira tal-“ex” tat-tfajla li kien qieghed maghha, u kellu bil-fors jiddefendi ruhu minn din l-aggressjoni. Madankollu, mil-griehi sofferti minn Charlton Micallef, il-Qorti tasal ghal fehma li l-imputat ecceda fil-proporzjon ta’ difiza u forza esercitata minnu, bil-konsegwenza li Micallef sofra l-offizi gravi li hu garrab. L-imputat bil-fors ta diversi daqqiet ta’ ponn lil Micallef biex ikkawza dawk il-griehi, haga li ghalkemm ma kienetx daqshekk necessarja u in proporzjon mal-incident per se, huwa perfettament spjegabbli fis-sahna tal-mument.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat, ghalkemm iddefenda ruhu ghax necessarjament hekk kellu jaghmel, hu ecceda f’din id-difiza, u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati li kkaguna offizi gravi fiq Charlton Micallef, bl-attenwanti fil-piena tal-legittima difesa li izda eccediet fil-proporzjon rikjesta fic-cirkostanzi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 227(d), 231(1)(b), etc.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal  sitt (6) xhur prigunerija

sospiza ghal sena, ai terminu tal- Artikolu 27 A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------